# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 28 ta' Ottubru 2015**

**Rikors Numru: 89/2015 CSH**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali 166A Numru 1747/14**
**fl-ismijiet:**

**Doreen Magri**

**vs**

**Jason Abela**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Jason Abela li gie pprezentat nhar it-13 ta' Marzu 2015 fejn talab lil din il-Qorti s-segwenti:

1. *"Illi fil-25 ta' Awissu 2014, l-intimata Doreen Magri pprezentat l-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi numru 1747/14 (Dokument B) skond l-istess disposizzjonijiet tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta illi bis-sahha taghha, sejhet lill-esponent sabiex jhallasha s-somma ta' sebat elef ewro (€7,000) mistqarra minnha bhala mislufa 'brevi manu' lill-esponent ghal habta ta' April 2007, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti minn April 2007;*

2. *Illi jirrizulta mir-riferta tal-ufficjal tal-posta fuq l-istess ittra ufficjali illi l-ittra kienet giet notifikata lill-esponent fid-9 ta' Ottubru, 2014;*
3. *Illi – ghar-ragunijiet dettaljati f'dana r-rikors – l-esponent ma opponiex ruhu ghas-sejha ossija talba maghmula mill-imsemmija intimata Magri fiz-zmien u bil-mod mahsub fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bil-konsegwenza illi, b'sehh tal-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-pretenzjoni maghmula mill-intimata fl-imsemmija ittra gudizzjarja saret titolu ezekuttiv;*
4. *Illi sussegwentement u allura munita b'dan it-titolu, l-intimata pprocediet ghall-ezekuzzjoni tal-istess tant illi b'digriet moghti fl-14 ta' Jannar 2015 l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba tal-intimata ghall-hrug ta' Mandat ta' Qbid ta' Hwejjeg Immobbli tal-fond tal-appartament numru sitta (6) Graham Court, 59, L. Graham Street, Sliema (Dokument A); Illi l-Mandat ta' Qbid gie mahrug in ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottenut mill-imsemmija intimata ghall-hlas tas-somma ta' sebghat elef ewro (€7,000) flimkien mal-imghaxijiet legali ammontanti ghal erbat elef, mitejn u tlieta u disghin ewro (€4,293), u l-ispejjez u drittijiet legali ammontanti ghal mija u tnejn u tmenin ewro u erbgha u sittin centezmu (€182.64);*
5. *Illi l-esponent jirrileva illi t-titolu ezekuttiv miksub mill-intimata huwa null u bla ebda effett u dan ghar-ragunijiet segwenti:*
    i. *Illi l-esponent qatt ma gie notifikat bl-ittra ufficjali skond kif titlob il-ligi. Illi l-indirizz fejn allegatament saret in-notifika tal-esponent huwa Oasi, 5 Triq Wied Sara, Victoria Ghawdex VCT 2963, cioe' post ta' rehabilitazzjoni ghal persuni illi ghaddejjin mill-problema ta' vizzju ta' droga u/jew tax-xorb. Illi l-esponent jirrileva illi ghad illi ghal xi zmien kien verament rikoverat f'dan il-post, fiz-zmien meta allegatament saret in-notifika tieghu, l-esponent kien gja spicca l-program ta' rehabilitazzjoni u telaq mill-imsemmi post. In-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali lil persuna ohra illi kienet f'dak*

*l-indirizz, hija invalida ghaliex skont il-Ligi, (Artikolu 187 (1) tal-Kapitolu 12), "In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha";*

*ii.* *Illi l-esponent jirritjeni illi l-imsemmija ittra gudizzjarja hija wkoll nulla ghaliex skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 166A(2) fl-ittra ufficjali pprezentata skont l-istess disposizzjonijiet ghandu jigi ddikjarat b'mod car, taht piena ta' nullita', ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba, kwiziti ovvjament nieqsa mill-imsemmija ittra.*

*Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi, l-esponent jitlob bir-rispett illi, a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull provvediment ulterjuri li din l-istess Onorabbli Qorti jista' jidhrilha li huwa xieraq u opportun, joghgobha tirrexxendi u tiddikjara null u bla ebda effett, it-titolu ezekuttiv miksub mill-imsemmija intimata skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta mill-ittra gudizzjarja fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez kontra l-istess intimat."*

Rat ir-risposta ta' Doreen Magri li giet ipprezentata fir-Registru nhar is-26 ta' Marzu 2015 fejn eccepiet:

*"Illi t-talba ta' Jason Abela ghar-rexissjoni u dikjarazzjoni ta' nullita' tat-titolu ezekuttiv ai termini ta' l-Artikolu 253(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta'*

*Malta ottenut a tenur ta' l-Artikolu 166A(4) huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu u dana ghas-segwenti ragunijiet:*

1. *Illi l-oneru tal-prova li r-rikorrent Jason Abela ma kienx jirrisjedi fil-post ta' reabilitazzjoni "Oasi" jispetta lilu.*
2. *Illi l-ittra ufficjali saret a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*
3. *Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili gia cahdet talba tar-rikorrent ghas-sospensjoni tas-subbasta numru 2/2015 fl-istess ismijiet premessi."*

Ir-rikorrent **Jason Abela** xehed fil-15 ta' April 2015 fejn ikkonferma li huwa ghamel xi zmien residenti l-Oasi f'Ghawdex peress li kellu problema ta' droga. Ix-xhud stqarr li effettivament f'Novembru tas-sena 2012 kien telaq mill-Oasi wara li kien lesta mill-programm. Kien imur hemmhekk biss ghall-gruppi. Ix-xhud ikkonferma wkoll illi f'Jannar tas-sena 2013 kien mar jaghmel gimghatejn residenti l-Oasi u kkonferma li wara Jannar tas-sena elfejn u tlettax ma baqax residenti gewwa l-Oasi Fondazzjoni f'Ghawdex u qal li meta telaq mill-Oasi mar jghix Tas-Sliema ghand ommu u wara li ghamel xi zmien jghix maghha mar jghix Ghawdex ix-Xlendi. Ghand ommu ghamel xi disa' xhur jew ghaxra b'kollox. L-ewwel mar ghand ommu f'Novembru tas-sena elfejn u tnax u ghamel xahrejn, u mbaghad hass il-bzonn li jerga' jmur il-Fondazzjoni Oasi, ghamel gimghatejn f'Jannar l-Oasi u mbaghad rega' hareg mill-Oasi mar jaghmel xi disa' xhur ghaxra ghand ommu. Imbaghad wara u cioe' bejn Settembru u Ottubru elfejn u tlettax mar jghix ix-Xlendi u ghadu jghix hemm sa llum. Huwa stqarr illi ghandu ricevuti ghaliex ihallas il-kera.

**Jason Abela** xehed in kontro-ezami nhar l-1 ta' Lulju 2015 fejn ikkonferma li huwa minnu li kien ghamel programm residenzjali gewwa l-Oasi

Ghawdex sabiex jitratta l-problema li kellu ta' abbuz tad-droga, w sussegwentement meta spicca dan il-programm xorta zamm kuntatt mal-Fondazzjoni Oasi. Ikkonferma wkoll li t-terapista tieghu, fost ohrajn, kienet Rodianne Azzopardi. Qal li fid-9 ta' Ottubru 2014 kienet cemplitlu Rodianne Azzopardi w qaltlu li kellu ittra. Tenna li dakinhar kien mar l-Oasi peress li kellu sessjoni w kien dakinhar li nfurmatu li kien ircieva ittra minghand avukat. Meta gie muri l-ittra ezebita f'dawn l-atti u cioe' a fol 3, qal illi din l-ittra ma qrahiex hu izda nqratlu minn Rodianne Azzopardi. Qaltlu wkoll li kienet waslet f'Awwissu u li kienet *too late*. Ikompli li fil-fatt kienet qaltlu li kien ghadda z-zmien taghha. Qal li hu baqa' jmur ghas-sessjonijiet meta jkun ghaddej minn xi perjodu hazin u dan peress li kien qed jerga' jaqa' minhabba l-*addiction* li kellu. Dakinhar kien tkellem wkoll maghha, ghax kien ghadu kemm spicca r-relazzjoni mal-partner, kien gie bla job u kellu xi problemi mat-tifla w kien qalilha wkoll li ma tantx kien f'sikktu. Tenna li kien jaf b'din l-ittra u qaltlu li l-ittra kienet giet minghand l-avukat.

Ikkonferma li kien qal lit-terapista tieghu li kellu jghaddi ghaliha ghaliex kien bil-vann tax-xoghol, pero' dakinhar kien stressjat u spicca ma marx u lanqas ma mar jiehu parir minghand avukat minkejja li kienet ittra legali. Zied li kienet ohtu li attiratlu l-attenzjoni ghal din il-kwistjoni meta bdew il-proceduri tas-subbasta. Mistoqsi fejn qed jghix illum wiegeb illi jirrisjedi gewwa 3, Albino Flats, Triq iz-Zirzib, Xlendi.

Rat in-nota esebita minn Rodianne Azzopardi nhar it-22 ta' Mejju 2015 fejn skuzat ruha talli ma setghetx tattendi l-Qorti u pprezentat ittra indirizzata lill-Qorti fejn spjegat dak li kienet taf dwar l-ittra u n-notifika tal-istess ittra li kien ircieva Jason Abela nhar id-9 ta' Ottubru 2014 gewwa l-Oasi.

Semghet l-avukati tal-partijiet jittrattaw ir-rikors u risposta taghhom kif prezentati fl-atti. Ir-rikorrenti in sintesi qed isostni li huwa qatt ma gie notifikat bl-att minkejja li seta' gie mgharraf bih waqt li l-intimata issostni li una volta r-rikorrent gie mgharraf bl-att gudizzjajru entro t-terminu previst mil-ligi kellu jipprezenta ir-risposta tieghu f'kaz li xtaq jikkontestha.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirrizulta mill-atti processwali li l-intimata kienet istitwiet proceduri fil-konfront tar-rikorrent odjern skond l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi pprezentat l-Ittra Ufficcjali Numru 1747/14 nhar il-25 ta' Awwissu 2014 (fol.3) u kopja tal-istess ittra thalliet fil Fondazzjoni Oasi f'idejn Rodianne Azzopardi meta r-rikorrent ma kienx qed jghix hemm.

Illi din l-ittra giet istitwita ai termini tas-**sub-artikolu 2 tal-Artikolu 166A** li jghid:-

"(2) *Il-kreditur ghandu jmexxi billi jipprezenta ittra ufficcjali, illi ghandha tkun skond forma stabbilita mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja b'avviz legali u illi l-kontenut taghha ghandu jigi konfermat bil-gurament mill-kreditur, jew quddiem ir-registratur jew prokuratur legali mahtur bhala Kummissarju bis-setgha li jaghti gurament taht l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgha li jaghtu l-gurament, li ghandha tigi notifikata lid-debitur fejn ghandu jigi dikjarat b'mod car, taht piena ta' nullità, ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tattalba...."*

Issa l-**Artikolu 166A (4)** jistipula s-segwenti f'kaz li d-debitur, f'dan il-kaz r-rikorrent, ma jwiegibx ghad-domanda li saritlu ai fini ta' dan l-Artikolu:

"*Meta d-debitur ma jopponix it-talba fi zmien tletin jum minn notifika taghha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiz-zmien hawn qabel imsemmi, l-ittra ufficcjali ghandha ghar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, jew dik il-parti fiha hekk mhux opposta, tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv bhal li kieku dik l-ittra ufficcjali kienet inkluza fl-artikolu 253(a).*"

Dan hu proprju dak li qed tikkontendi l-intimata, li la r-rikorrent ma kienx wiegeb, allura t-titolu taghha gie rez ezekuttiv u kien ghalhekk li pprocediet biex ipprezentat mandat ta' Qbid ta' Hwejjeg Immobbli tal-fond imsemmi f'dak l-istess mandat kif indikat mir-rikorrent fir-rikors promotur tieghu.

Illi pero' l-istess disposizzjoni tal-ligi w appuntu s-**sub artikolu (5)** tal-istess disposizzjoni, tipprovdi x'ghandu jsir f'kaz li r-raguni tal-intimat li ma wiegibx tkun wahda gustifikata.

Dan is-sub artikolu jghid hekk:

"(5) *Titolu ezekuttiv li jinkiseb skond id-disposizzjonijiet ta'dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppozzizzjoni min-naha tad-debitur, ghandu jigi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skond il-kaz, li tigi pprezentata mid-debitur fi zmien ghoxrin gurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:*

*(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficcjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*

*(ii) li l-ittra ufficcjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3).”*

Issa f’dan il-kaz l-intimata qed tallega zewg nuqqasijiet - fl-ewwel lok li n-notifika saret skond il-ligi u dan ghaliex ghalkemm saret gewwa l-Fondazzjoni Oasi meta r-rikorrent ma kienx ghadu residenti hemm, xorta r-rikorrent gie mgharraf biha mis-social worker Rodianne Azzopardi l-ghada li thalliet kopja ta’ din l-ittra ufficjali u cioe’ nhar id-9 ta’ Ottubru 2014 kif del resto jghid l-istess rikorrenti mill-pedana tax-xhieda. Ghalhekk, l-intimata tghid li r-rikorrent setgha jipprezenta r-risposta tieghu f’kaz li xtaq jikkontestaha. Fit-tieni lok ir-rikorrent jghid li l-intimata naqset li taghti r-raguni li fuqha sejset it-talba, u cioe’ tindika ir-ragunijiet ghaliex it-talba taghha ghandha tintlaqa’, u dan billi taghti dikjarazzjoni tal-fatti b’sostenn tat-talba. Dwar it-tieni nuqqas il-Qorti thoss li ghandha tidhol fih una volta l-ewwel nuqqas ma jigix pruvat.

Fir-rigward ta’ l-ewwel nuqqas kif reklamat mir-rikorrent u cioe’ in-nuqqas ta’ notifika valida jinghad is-segwenti:

Ir-rikorrent jghid li s-sinjorina Azzopardi qratlu l-ittra ufficcjali u dan wegibha li kien bil-vann tax-xoghol u li ghalhekk kien sejjer jigborha aktar tard dak in-nhar stess pero’ naqas li jaghmel hekk. Cio’ nonostante naqas li jmur jigbor kopja ta’ din l-ittra u jipprezenta r-risposta tieghu fiz-zmien rikjest mill-ligi ta’ tletin (30) jum mid-data tan-notifika. Jghid ukoll li in segwitu kienet ohtu li attiratlu l-attenzjoni ta’ dan it-titolu ezekuttiv meta bdew il-proceduri tas-subbasta.

Illi l-avukat tar-rikorrent fit-trattazzjoni tieghu jikkonferma li l-klijent tieghu kien mgharraf bil-kontenut ta’ l-ittra ufficcjali mertu tal-kawza kif spjegat mir-rikorrent stess odjern u mhux michud mill-intimata pero’ jghid

li cio' nonostante ma kienx gie notifikat skond il-ligi u dan ghaliex l-kopja ta' l-ittra ufficcjal li nghatat lilu personalment minn terza persuna m'ghandiex tghodd bhala riferta posittiva ai termini tal-Artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa opportun f'dan l-istadju li ssir referenza ghas-sentenza li nghatat ricentement fl-ismijiet '**Stephen Koludrovic (I.D. 2007276(P)) vs Maria Dolores armla minn William Micallef, Peter Micallef u Dottor Paul Micallef f'ismu proprju u bhala mandatarju ta'l-assenti Elenora sive Noreen Leone Ganado'** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-2 ta' Marzu 2015 fejn gie idikat is-segwenti:

"*Kif rilevat fid-decizjoni fl-ismijiet "***Alessandro Delhin vs Antonio Darmanin et***", Appell Civili 9 ta' Novembru 1927, "da tale disposizione si desume essere duplice la forma legale della notificazione di atti giudiziari, quella per cui la consegna della copia si fa direttamente alla persona da esserne notificata, o quella per cui la si fa indirettamente, col lasciare la stessa copia nella casa di abitazione o nella sede di affari della persona da notificarsi, nel quale ultimo caso pero`la consegna della copia della scrittura si deve fare o ad un membro della famiglie, o ad un addetto alla casa o al servizio della persona medesima.*"

Naturalment l-Att XXIV ta' l-1995 li emenda l-Kap 12, u tibdiliet legislattivi ohra li saru qablu, estenda l-lista tal-persuni li maghhom il-kopja tal-att seta' jithalla. Cio nonostante, l-istess hsieb formulat fil-precitata sentenza jibqa' wiehed validu.

Tant dan hu hekk illi fis-sentenza fl-ismijiet "**Alfred Cachia nomine -vs- Salvino Sullivan et noe**", Appell, 27 ta' April 1987, jinghad dan:

"*Il-Qorti hi tal-fehma li l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi hija ta' natura generali u hija ntiza biex tkopri l-kaz ta' notifika sija lill-persuna fizika sija lill-persuna morali. Dan jidher car ukoll minn nota marginali li hemm mal-imsemmija disposizzjoni li tghid ukoll b'mod generali kif isiru n-notifiki. Minn ezami tal-imsemmija disposizzjoni tal-ligi jidher li fl-ewwel parti taghha, d-disposizzjoni qed tenuncja r-regola generali li nnotifika ghandha ssir bil-konsenja ta' kopja tal-att lill-persuna li ghandha tkun notifikata. Imbaghad il-ligi tipprovdi alternattiva ghall-imsemmija notifika billi tikkontempla ghall-finijiet ta' notifika l-kaz fejn il-kopja tal-att jista' jithalla u ma' min jista' hekk jithalla u jiddisponi inter alia li l-kopja tal-att tista' tithalla fil-lok fejn tahdem jew fil-post tax-xoghol ma' persuna li tkun fis-servizz tal-persuna notifikanda jew ma' persuna awtorizzata biex tircievi l-posta tal-persuna notifikanda*" .

Ikonsegwi ghalhekk li din il-Qorti ssostni li n-notifika ta' att gudizzjarju ghandu jigi meqjus validu meta jezistu c-cirkostanzi kif kontemplati fl-**Artikolu 187(1) tal-Kap 12** u cioe' li n-notifika issir:

· lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew
· billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar, jew
· f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna, jew · f'idejn il-prokuratur taghha, jew
· persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha.

Dan l-artikolu u cioe' l-**artikolu 187 (1) tal-Kap 12** gie abbraccjat u osservat mill-Qorti tal-Appelli Inferjuri fis-sentenza '**<u>Angelo Bartolo noe vs Emmanue Zammit</u>**' deciza fit-30 ta' Marzu 2001 fejn gie ritenut li:

"*in-notifika ta' att issir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill- persuna li liha l-iskrittura tkun notifikata jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru*

*tal-familja jew tad-dar jew f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur legali taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha*". Pero' din il-Qorti trid tara jekk il-fatt li bniedem isir jaf bl-att gudizzjajru ghaliex dan jammetti li nghata kopja (ghad-differenza li jigi notifikat) u ghogbu li jinjorha jammontax ghall-kliem il-ligi u cioe' li huwa kien kemm mgharraf bl-ittra kif ukoll notifikat kif imiss.

Din il-Qorti tissottolineja li l-ligi tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili, Kap 12, hija ta' ordni pubbliku u trid tigi osservata *ad litteram* - **Vol XVII p1 p 879**:

Il-ligi ta' procedura hi ta' ordni pubbliku u kwindi ghandha tigi "*osservata alla lettera e non per equipollens".*

Ir-rekwiziti ta' notifika korretta huma ta' natura ta' ordni pubbliku u bhala tali ghandhom jigu osservati *ad unguem*. (ara Qorti ta' I-Appell 14.06.2001, **Maltacom plc vs Carmel u Mary Doris Muscat**).

Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-7 ta' Lulju, 2003 fl-ismijiet '**Said International Limited vs MAC Limited *et'*** inghad li:

"*Huwa indiskuss illi n-notifika ta' atti gudizzjarji hi regolata bid-dispozizzjonijiet specifici fil-Kodici ta' Procedura (Kap. 12) u li l-validita` taghha tista' biss tregi jekk jigi provat konkluzivament illi n-notifika saret skond kif fl-istess dispozizzjonijiet mahsub*."

**Illi in vista tas-suespost ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li n-notifika tar-rikorrent meta l-att thalla l-Oasi fi zmien meta ma kienx**

**residenti hemm ma saritx skond il-ligi u konsegwentment ghandha tilqa' it-talba rikorrenti. Jinghad ukoll ghalhekk li ma hemmx lok li tiddiksuti it-tieni proviso ta' l-istess Artikoku 166A (5) u qieghda tiddikjara li qieghda tilqa' it-talba kif kontemplata fl-Artikolu 166A (5)(i) u ghalhekk tirrexxindi u tiddikjara bhala null u bla effett it-titolu esekuttiv mahsub mill-imsemmija intimata bl-Ittra Ufficjali Numru 1747/14.**

**L-ispejjez huma a karigu tal-istess intimata.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**